**14 ta' April, 1986**

**Imħallfin: –**

**Aġent Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – President**
**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin.)(Manch.), D.P.A.(Lond.)**
**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**

Perit Vincent Galea

*versus*

*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Segretarju Amministrattiv

**Ġudikat – Effetti – Kjamat fil-Kawża – Nullità ta' Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku – Ġurisdizzjoni**

*Il-kjamata in kawża ta' parti tista' ssir anke f'każ fejn il-kawża tkun ġà ġiet deċiża in parti. Il-fatt tal-kjamata in kawża ma jagħtix dritt li s-sentenza tal-Qorti, li tkun għaddiet in ġudikat, tiġi riveduta mill-istess Qorti.*

Il-Qorti: –

Il-Qorti Ċivili Prim'Awla b'sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju, 1985 kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent Vincent Galea għall-kjamata fil-kawża ta' l-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet, Djar u *Sports,* kif ukoll tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Minn din is-sentenza ġie interpost Appell quddiem din il-Qorti mill-intimati u dana fil-5 ta' Ġunju, 1985 u s-smigħ ta' dan l-appell ġie appuntat għall-1 ta' Lulju, 1985. L-appellanti intimata ħallsu notifika biex jiġu nnotifikati Dr. Tonio Borg, Qorti Superjuri u għal kull interess li jista' jkollhom l-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet u Djar u Direttur tax-Xogħlijiet;

Ir-rikorrenti Perit Vincent Galea ppreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors ta' l-Appell fil-11 ta' Ġunju, 1985. Il-kjamati fil-kawża fl-14 ta' Ġunju, 1985, ippreżentaw ir-risposta tagħhom għar-rikors (ta' l-Appell) ta' l-intimati oriġinali. Skond din ir-risposta l-istess kjamati fil-kawża ssottomettew (1) illi huma m'humiex fil-kawża peress li d-digriet interlokutorju li minnu qed isir appell għadu ma għaddiex in ġudikat u (2) illi għal kull

buon fini huma jaderixxu ma' l-appellanti għaliex għar-raġunijiet dedotti fir-rikors ta' l-appell l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex is-setgħa li tordna s-sejħa fil-kawża ordnatu bid-digriet appellat. L-appell mis-sentenza tal-Prim'Istanza fejn laqgħet it-talbiet għall-kjamati in kawża instema' u din il-Qorti b'sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 1985 iċċitat b'approvazzjoni u għamlet tagħha dak li kienet qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha u ċjoè li "anke mill-prattika legali din il-prassi tidher li għandha tiġi favorita, l-għaliex b'hekk tiġi assikurata ċ-ċelerità tal-ġudizzju, koltivata s-sempliċità tagħhom kif ukoll evitati kawżi ulterjuri; hemm ekonomija ta' ġudizzju a spejjeż tiltaqa' bla ripunjanza fuq it-terren komuni legali tal-ġustizzja sostanzjali u tal-prattiċità ta' kuljum fil-ħajja progressiva moderna, li mhix aktar inklinata għall-formaliżmu żejjed u antikwat, sakemm il-liġi hija salvagwardjata u l-ġustizzja mogħtija, u għalhekk iddeċidiet l-appell u kkonfermat id-deċiżjoni appellata;

L-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet u Djar u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet fl-24 ta' Ottubru, 1985 bħala kjamati fil-kawża ppreżentaw ir-risposta tagħhom għar-rikors oriġinali tal-Perit Vincent Galea li bih ġew innotifikati fit-22 ta' Ottubru, 1985 u dina fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). L-ewwel tliet eċċezzjonijiet imsemmija f'din ir-risposta huma s-segwenti:

1. Li preliminarjament l-esponenti jitolbu r-rikuża tas-Sinjorija tiegħu l-Onorevoli Imħallef Joseph Filletti a tenur ta' l-inċiż (ii) tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 735 tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili peress li f'din l-istess kawża qabel ma ġew kjamati fil-kawża l-esponenti, hu ta deċiżjoni fuq il-mertu ta' l-eċċezzjonijiet ikkontenuti fil-paragrafi 2 sa 3 ta'

din ir-risposta;

2. Li l-kjamata fil-kawża ta' l-esponenti hi nulla għaliex ma saritx skond l-artikolu 960 ta' l-imsemmi Kodiċi peress li saret wara li ngħatat is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Awissu, 1984, mil-liema sentenza sar Appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali deċiż fil-21 ta' Jannar, 1985 u l-imsemmi artikolu jgħid li waqt li l-kjamata fil-kawża tista' ssir f'kull waqt quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad din trid isir biss qabel is-sentenza u;

3. Li bla preġudizzju għas-suespost din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tar-rikors kien tissindika l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini tosta l-projbizzjoni ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni;

Qegħdin ikkwotati hawn għalina l-ewwel tliet eċċezzjonijiet biss tal-kjamati fil-kawża għar-raġuni sempliċi li l-ewwel Qorti b'sentenza tagħha tal-21 ta' Settembru, 1985 kienet iddeċidiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-kjamati fil-kawża dwar ir-rikuża u dan billi rrespinġietu u billi ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Barra minn hekk l-ewwel Qorti b'digriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 1985 idderiġiet lill-partijiet fis-sens li fil-fehma tagħha t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet fir-risposta tal-kjamati fil-kawża għandhom jiġu deċiżi separatament u preliminarjament mill-bqija ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra minħabba n-natura tagħhom. L-ewwel Qorti tal-Prim'Istanza b'sentenza tagħha mogħtija fid-9 ta' Jannar, 1986 iddeċidiet fuq dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet billi waqt li tenniet li t-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija hija proponibbli mill-kjamati fil-kawża, irrespinġiet iż-żewġ eċċezzjonijiet u ċjoè t-tieni u t-tielet eċċezzjoni ssollevati

mill-kjamati fil-kawża u mmarkati bħala Nru. 2/3 fir-risposta tagħhom;

L-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Djar u d-Direttur tax-Xogħlijiet fit-13 ta' Jannar, 1986 ippreżentaw Rikors ta' Appell mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Jannar, 1986 quddiem dina l-Qorti. Għad li r-rikorrent oriġinali l-Perit Vincent Galea fl-20 ta' Jannar ippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors ta' l-Appell tal-kjamati fil-kawża u għad li l-intimati oriġinali ġew fil-fatt innotifikati bir-rikors ta' l-Appell *"de quo"* dawn fil-fatt għażlu li ma jirrispondux. Din il-Qorti diversament ippresjeduta appuntat l-Appell għas-smigħ għall-5 ta' Marzu, 1986. Għal diversi raġunijiet imsemmija fil-verbali relattivi fil-proċess din il-kawża baqgħet differita għas-17 ta' Marzu, 1986. Dak in-nhar ġiet ippreżentata nota mill-kjamati fil-kawża li permezz tagħha talbu bir-rispett ir-rikuża tas-Sinjorija tagħhom, il-Prim Imħallef Carmelo Schembri, l-Imħallef Hugh Harding u l-Imħallef Carmelo Agius u dawn a tenur ta' l-inċiż (ii) tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 735 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili peress illi f'din l-istess kawża qabel ma ġew ikkjamati in kawża l-esponenti, is-Sinjorija Tagħhom taw deċiżjoni fuq il-mertu ta' dan l-appell. Din il-Qorti diversament ippresjeduta, b'digriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 1986 iddeċidiet billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ta' rikuża ssollevata mill-appellanti fil-konfront ta' kull wieħed mill-ġudikanti li attwalment kienu jikkostitwixxu din il-Qorti dak in-nhar u ddifferiet l-appell għas-seduta tat-3 ta' April, 1986 biex jinstema' mill-istess Qorti diversament ikkostitwita;

Fl-1 ta' April, 1986 il-President ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu, bl-artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili nnomina lill-Onor. Sur

Imħallef Wallace Gulia B.A., LL.D., l-Onor. Imħallef Stephen Borg Cardona B.A., LL.D., flimkien ma' l-Onor. Sur Imħallef Joseph Herrera LL.D., bħala Prim Imħallef biex joqogħdu u jieħdu konjizzjoni ta' l-Appell Kostituzzjonali "Perit Vincent Galea *vs Chairman* tal-*Public Service Commission et*" li bħalissa jinsab pendenti quddiem dik il-Qorti. *In forza* ta' din is-Surroga għalhekk din il-Qorti llum tinsab komposta mill-Imħallfin preżenti;

Din il-Qorti hekk komposta tixtieq tagħmilha ċara mill-ewwel għall-finijiet kollha tal-kawża li l-istess Qorti hekk diversament ippresjeduta ma tikkostitwixxix b'ebda mod xi forma ta' Qorti ta' Reviżjoni mill-Qorti l-oħra. Kwindi għalhekk din il-Qorti għandha tiġi kkunsidrata bħala l-istess Qorti ta' qabel u hija "*de facto*" kontinwazzjoni ta' l-istess;

L-appell odjern li qed jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa Appell interpost mill-kjamati fil-kawża mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 1986. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ittrattat u ddeċidiet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża u kienet irrespinġiethom it-tnejn. It-tieni eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża kienet dik li tirrigwarda l-kjamata fil-kawża ta' l-appellanti nnifisha. In fatti dawn kienu qegħdin jallegaw li l-kjamata fil-kawża tagħhom kienet nulla billi din ma kinitx saret skond l-artikolu 960 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u dan billi saret wara illi ngħatat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awissu, 1984. Din is-sentenza fejn ġiet ordnata l-kjamata fil-kawża ta' l-odjerni appellanti, kienet ġiet appellata quddiem din l-istess Qorti Kostituzzjonali li bis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar, 1985 kienet ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti. Kwindi għalhekk l-appellanti jirritjenu li billi l-art. 960 jgħid

li waqt li kjamata fil-kawża tista' ssir f'kull waqt quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, din trid issir biss qabel is-sentenza. Huma jissottomettu illi minħabba li kienet ġà ngħatat sentenza mill-ewwel Qorti u dan fuq l-eċċezzjonijiet issollevati mill-intimati oriġinali kwindi għalhekk il-kjamata fil-kawża ma setgħetx issir;

Għall-fini ta' korrettezza jridu jingħadu l-fatti segwenti. Meta l-ewwel Qorti kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti oriġinali kienet ordnat għalhekk il-kjamata fil-kawża tal-preżenti appellanti, l-intimati oriġinali kienu interponew appell minn dik id-deċiżjoni quddiem din l-istess Qorti. Barra minn hekk innotifikaw lir-rikorrenti oriġinali bir-rikors ta' l-appell li kien qiegħed isir proprju fuq id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad fuq l-ordni tal-kjamati in kawża, innotifikaw ukoll lill-appellanti odjerni li kienu ġew imsejħin fil-kawża. Id-difensur ta' l-intimati oriġinali huwa l-istess difensur ukoll ta' l-appellanti odjerni. Dawn ġew innotifikati għal kull interess li jista' jkollhom. L-istess appellanti ppreżentaw fl-14 ta' Ġunju, 1985 f'din il-Qorti risposta għar-Rikors ta' Appell ta' l-intimati oriġinali u b'hekk saru parti fil-proċess quddiem dina l-Qorti li ttrattat l-appell proprju fuq il-validità *o meno* tal-ħruġ tal-kjamata fil-kawża tagħhom. It-trattazzjoni ta' l-appell saret mill-istess difensur kemm għall-intimati kif ukoll għall-appellanti odjerni. Kwindi għalhekk apparti l-fatt li sentenza mogħtija minn din il-Qorti bħala kwalunkwe Qorti oħra għandha tiġi kkunsidrata bħala li hija mogħtija *"erga omnes"*, fil-każ in kwistjoni, lanqas jistgħu l-appellanti jilmentaw li huma kienu estraneji għall-andament u l-proċess ta' l-appell ta' l-intimati oriġinali li sar proprju fuq l-ordni tal-kjamati fil-kawża mogħtija mill-ewwel Qorti. Difatti t-tieni eċċezzjoni fir-risposta tal-kjamati fil-kawża f'dak l-appell kienet li huma għal kull buon fini kienu ssottomettew illi jaderixxu ma' l-appell ta' l-appellanti għar-raġunijiet dedotti fir-

rikors ta' l-appell tagħhom;

Kif ġà ngħad qabel din il-Qorti kif komposta hija l-istess Qorti qabel meta hi tat is-sentenza tagħha fil-21 ta' Ottubru, 1985 u huwa inkonċepibbli li din il-Qorti tikkunsidra l-appell tal-kjamati fil-kawża fuq din il-materja. B'ebda mod din il-Qorti kif komposta ma tista' tiġi kkunsidrata bħala Qorti ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija minnha stess diversament ippresjeduta. F'tali ipotesi allura jinfetaħ kamp ġdid li jagħti fakoltà lil xi parti li jkollha interess tibqa' tipprova tirrivedi sentenza mogħtija minn din il-Qorti kemm trid hi basta tirrikuża lill-ġudikanti għal xi raġuni jew oħra. Dan hu wkoll irraġonevoli għaliex ma jistax wieħed jikkonċepixxi każ fejn fl-istess kawża jkun hemm żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti mogħtija mill-istess Qorti fuq l-istess materja;

It-tieni parti tar-rikors ta' l-Appell tal-kjamati fil-kawża tikkonċerna t-tielet eċċezzjoni ssollevata mill-kjamati fil-kawża in risposta tar-Rikors tal-Perit Vincent Galea. Din kienet fis-sens li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini tosta l-projbizzjoni ta' l-artikoilu 118 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt, din l-eċċezzjoni kienet ġiet issollevata miċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* u Segretarju Amministrattiv fir-risposta tagħhom tat-13 ta' Lulju, 1984. Din l-eċċezzjoni kienet ġiet deċiża kemm mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Awissu, 1984 kif ukoll ġiet definittivament deċiża "*erga omnes*" minn din il-Qorti diversament komposta fil-21 ta' Jannar, 1985. Din il-Qorti kienet laqgħet l-appell tar-rikorrenti l-Perit Vincent Galea u filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata in kwantu l-istess irrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari fil-limiti espressament imsemmija fl-istess sentenza u rrevokat l-imsemmija sentenza appellata laqgħet dik

l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati limitatament għat-talba tar-rikorrenti appellant li jiġu annullati d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-*"Public Service Commission"* u ta' l-istess P.S.C. in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-appellant ġie misjub ħati u konsegwentement ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati appellati;

Kif ġà ntqal aktar 'il fuq dan l-appell tal-kjamati fil-kawża qiegħed isir mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fid-9 ta' Jannar, 1986, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża ċjoè dik in deżamina qalet li hi kienet sejra ssegwi l-enunċjazzjoni ta' dritt li jinsab fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar, 1985, kif fil-fatt għamlet. Dak li qegħdin in effetti jippretendu li jagħmlu bl-Appell preżenti l-appellanti, huwa li jġegħlu lil din il-Qorti tirrevedi l-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-sentenza ppreċitata. Dik is-sentenza fil-fatt però ġiet mogħtija *"erga omnes"*. Huwa kif ġà ntqal aktar 'il fuq inkonċepibbli li din il-Qorti – l-ogħla Qorti fil-pajjiż tirrevedi fl-istess kawża sentenza tagħha stess mogħtija fil-konfront ta' parti u tiġi mistennija tbiddel l-istess fil-konfront ta' parti oħra fi stadju ieħor ta' l-istess kawża. Kif qalet din il-Qorti aktar 'il fuq din il-Qorti għad li komposta diversament hija l-istess Qorti li tat is-sentenza msemmija;

Din il-Qorti tħoss ukoll li hu opportun li ssemmi l-fatt li din it-tielet eċċezzjoni ssollevata mill-kjamati fil-kawża tista' taffettwa biss lill-*Public Service Commission*. Kwindi għalhekk ikun l-eżitu li jkun ta' deċiżjoni fuq din l-eċċezzjoni b'ebda mod ma tista' tafetta l-eżitu tal-kawża fil-konfront tal-kjamati fil-kawża. Minn dan joħroġ li l-*Public Service Commission* biss setgħet tqajjem din l-eċċezzjoni għaliex hija relattiva għaliha biss.

Hekk jiġi l-kjamati fil-kawża ma għandhom ebda interess li jagħtu din l-eċċezzjoni ġà la darba l-eżitu tad-deċiżjoni ta' din l-eċċezzjoni ma taffettwahomx;

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ *obiter*, dejjem a bażi tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula minnha aktar 'il fuq, din il-Qorti tħoss li għandha tafferma, u tagħmel tagħha dak kollu li ntqal u li ġie enunċjat fis-sentenzi tagħha tal-21 ta' Jannar, 1985, li biha ġiet deċiża definittavament l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u dik tal-21 ta' Ottubru, 1985, li ddeċidiet il-kwistjoni tal-validità tal-kjamata fil-kawża;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.